MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tat-3 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 1860/2004

**Elmo Insurance Limited, kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Burmarrad Commercials Ltd. u l-istess Burmarrad Commercials Ltd.**

**vs**

**George Buhagiar**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-6 ta' Ottubru, 2004, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u erbgha u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm144.70) rappresentanti danni minnu ikkagjonati u subiti mill-atturi in segwitu ghal incident stradali li gara fil-Furjana fit-12 ta' Settembru 2002 meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura bin-numru LAK 787, baqa' diehel fil-bieba miftuha tal-vettura bin-numru DBH 851, proprjeta tas-socjeta attrici Burmarrad Commercials Limited, li kienet ipparkjata ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli

minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Jannar 2003 u ta’l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma’l-avviz ghan-notifika ta’l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll bl-imghax legali mis-6 ta’ Ottubru 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’l-atturi sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tat-12 ta’ Novembru 2004, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u erba’ u erbghin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm144.70), bl-imghaxijiet legali mis-6 ta’ Otturbu 2004.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Jannar 2003 u ta’l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma’l-avviz ghan-notifika ta’l-assikurazzjoni tal-konvenut bl-odjerni proceduri a tenur tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------